**- SERVITU` *AD LUMEN* U TA' PROSPETT -**

**- ART. 455,457, 474, 481 TAL-KAP 16 –**

**- RINUNZJA CARA, ESPRESSA U SPECIFIKA -**

# IL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 3 ta' Ottubru , 2001.

**Kawza Numru. 22**
**Citaz. Numru. 2422/99/RCP.**

**Joseph u Eunice Grima**

**vs**

**Brian German**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond Maria Bambina, Triq San Gakbu, Sliema;

Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond 145, Triq Rudolfu, Sliema;

Illi bejn dawn iz-zewg fondi hemm hajt divizorju;

Illi dan l-ahhar il-konvenut qabad u minghajr ebda jedd gholla dan il-hajt divizorju;

Illi b'rizultat ta' dawn ix-xoghlijiet id-dawl li jidhol fil-proprjeta' ta' l-atturi gie ridott drastikament u l-prospett li kien jitgawda mit-twieqi tal-fond proprjeta' ta' l-atturi gie ostakolat ghal kollox;

Illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jerga' jqieghed il-hajt divizorju fl-istat li kien qabel ma saru ix-xogholijiet in kwistjoni;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid salv kull dikjrazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut ma kellu ebda jedd li jgholli l-hajt divizorju li jaqsam iz-zewg proprjetajiet.

(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti jirriprestina l-hajt divizorju ghal gholi li kien qabel ma saru x-xoghlijiet;

(3) Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex ghas-spejjez tal-konvenut jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha li huma mehtiega sabiex il-hajt divizorju jerga' jitqieghed fl-gholi li kien qabel ma saru x-xoghlijiet mill-konvenut u dan taht is-sorveljanza ta' perit nominat mill-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-10 ta' Settembru 1999 u tat-13 ta' Ottubru 1999 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess atturi a fol. 3 tal-process.

Rat l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 4 sa 10 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 22 tal-process fejn ecceppixxa illi:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-proprjeta' taghhom tgawdi dritt ta' prospett fuq il-fond proprjeta' tal-konvenut.

(2) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-fatt li l-hajt divizorju gie mgholli mill-konvenut bl-ebda mod ma illeda d-drittijiet tal-atturi.

(3) Illi l-konvenut ezercita d-dritt lilu moghti mill-**artikolu 414 tal-Kodici Civili** li jistipula illi kull komproprjetarju jista' jgholli l-hajt komuni minghajr il-htiega tal-kunsens tal-komproprejtarju l-iehor.

(4) Illi l-konvenut gholla l-hajt *de quo* wara li ottjena l-permessi necessarji ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar.

(5) Illi kien biss wara li tlesta l-hajt li l-atturi oggezzjonaw tant li waqt li kien tiela' taw access lill-haddiema tal-konvenut.

(6) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazjoni tal-konvenut a fol. 23 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 23 tal-process.

Rat r-rapport tal-Perit Joseph Spiteri tat-28 ta' Awissu 1999, l-affidavits ta' Joseph Grima, Eunice Grima, u Konrad Grima ppresentati b'nota tat-28 ta' Settembru 2000 a fol. 32 sa fol. 38 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Clyde Abdilla datat 7 ta' Dicembru 2000 a fol. 59 tal-process; ta' Marise German datat 7 ta' Dicembru a fol. 58 u 59 tal-process; ta' Brian German ukoll tal-istess data a fol. 60 sa fol. 61 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' Jean de Conti Manduca tat-18 ta' Jannar 2001 a fol. 69 tal-process, u ta' Clyde Abdilla, Marise German u Joseph Grima tas-27 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Jannar 2000, 30 ta' Marzu 2000, 14 ta' April 2000, 25 ta' Mejju 2000, 20 ta' Gunju 2000, 18 ta' Ottubru 2000, 18 ta' Jannar 2001, 27 ta' Marzu 2001.

Rat l-verbal tal-access tat-2 ta' Novembru 2000 a fol. 45 tal-process u x-xhieda tal-Perit Raymond Spiteri moghtija fl-istess access tat-2 ta' Novembru 2000 a fol. 46 sa fol. 51 tal-process.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. MERTU TAL-KAWZA.

Illi din il-kawza tikkoncerna talba mill-atturi sabiex il-konvenut jirriprestina l-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet rispettivi fl-istess stat li kien qabel ix-xogholijiet li saru mill-konvenut fl-istess hajt billi dan minn gholi ta' tlettax (13) il-filati gie mgholli bi tmintax il-filata (18) b'hekk skond l-atturi ppregudika d-dritt ta' prospett li l-istess fond tal-atturi igawdi fuq il-fond tal-konvenut.

Illi min-naha tieghu l-konvenut qed issostni li mhux minnu li l-atturi igawdu dritt ta' prospett fuq il-proprjeta' tieghu u kull ma ghamel kien biss li ezercita d-dritt li taghtih il-ligi *ai termini* tal-**artikolu 414 tal-Kap 16** u dan apparti li l-istess atturi qatt ma oggezzjonaw ghall-istess xoghol, hlief wara li tlesta, u fl-ahharnett li l-istess xoghlijiet saru bil-permessi relattivi tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

## B. PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi akkwistaw il-fond taghhom permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis datat 9 ta' Awissu 1980 minghand Agnes armla ta' Edward Psaila, u l-eredi tal-istess Edward Psaila li kien miet, intestat fid-19 ta' Jannar 1979, u li kien bena din id-dar fuq art akkwistata minnu b'kuntratt pubblikat fis-6 ta' Lulju 1952, kollox kif jirrizulta mill-provenjenza tal-istess kuntratt tal-akkwist tal-atturi datat 9 ta' Awissu 1980 u esebit bhala Dok. “A” a fol. 5 tal-process.

Illi mill-provi attrici jirrizulta wkoll li l-atturi kienu ilhom jghixu fl-istess dar minn 1961, l-ewwel b'kera minghand iz-ziju tal-attur, l-istess Edward Joseph Psaila, u mbaghad bhala sidien. Id-dar kienet u

baqghet fl-istess stat li hija llum hlief ghat-tieqa fl-ewwel sular (*second floor)* li giet imcekkna ghall-tieqa normali, u l-hajt divizorju bejn il-proprjeta' tal-atturi u l-konvenut kien ta' 13-il filata u huma kienu jgawdu servitu` ta' prospett fuq il-proprjeta' tal-konvenut.

Illi baqghet l-istess sitwazzjoni sakemm il-konvenut gholla l-hajt b'cirka ghoxrin (20) filata ohra u kawza ta' dan il-prospett li kienu jgawdu mit-tieqa' u bieb tat-tieni sular spicca ghal kollox, kif ukoll tnaqqas drastikament id-dawl li kien jidhol mit-tieqa fil-pjan terran u fis-*shower* fl-ewwel sular, u huma dejjem oggezzjonaw ghall-istess xoghlijiet. Dan huwa kkonfermat u kkorroborat mix-xhieda tal-istess Joseph u Eunice konjugi Grima u binhom Konrad Grima.

Illi il-**Perit Raymond Spiteri** nkarigat mill-konvenut sosstna li minhabba *'air conditioning unit'* li gie stallat mill-atturi fil-gallarija taghhom li kien qed jikkawza vibrazzjonijiet mal-proprjeta' tal-konvenut u allura sabiex ma jibqax jisma' l-istess, u sabiex tigi evitata introspezzjoni mill-gallerija tal-atturi ghal fuq il-proprjeta' tal-konvenut ddecieda li jgholli l-istess hajt ghal dak permess mill-ligi, liema permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar hareg fit-12 ta' Mejju 1999. Ghalkemm kien ahjar li kieku skond huwa inbena l-

hajt mill-gdid, minhabba l-atturi huwa ghamel pedamenti godda imissu u taht il-pedamenti l-antiki tal-istess hajt u baqa' tiela bil-hajt sal-posizzjoni li jinsab fiha llum u cioe' ghal 28 filata. Skond l-istess perit peress li l-bitha tal-atturi ghandha zewg piedi (2') wisgha ghandha spazzju bizzejjed ghall-arja u ma kien hemm ebda dritt ta' prospett da parte tal-atturi. L-konvenut u martu Marise German ikkonfermaw ix-xhieda tal-istess Perit Raymond Spiteri, izda mart il-konvenut ziedet ukoll li kienu ilhom joqghodu f'dak il-post ghoxrin (20) sena u l-aperturi tal-atturi dejjem hekk kienu jafuhom.

Illi **Clyde Abdilla** sostna li huwa bena l-hajt taht id-direzzjoni tal-Perit Raymond Spiteri fil-fond tal-konvenut u dan billi l-ewwel tellghu qoxra mal-hajt ezistenti u mbaghad billi komplew jibnu fuq l-istess hajt permezz tal-ktajjen u dan bil-kunsens tal-attur, u l-estensjoni tal-istess hajt giet ingastata go l-opramorta tal-atturi b'dan li l-attur dejjem ikkoopera ghal dan ix-xoghol.

Illi in kontro-ezami sostna li l-qoxra saret ghaliex il-partijiet ma kienux qabblu dwar l-gholi li kellu jigi l-hajt u x-xoghol kollu sar min-naha tal-proprjeta' tal-konvenut.

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-fond tal-atturi “Maria Bambina”, Triq San Gakbu, Sliema ilu okkupat minnhom minn 1961, l-ewwel bhala kera minghand iz-ziju taghhom Edward Psaila u mbaghad mid-9 ta’ Awissu 1980 bhala sidien tal-istess permezz tal-kuntratt esebit.

Illi l-konvenuti ilhom jabitaw fl-istess post mal-ghoxrin (20) sena u gew joqghodu fl-istess fond dejjem wara l-atturi w bejn iz-zewg fondi kien hemm hajt divizorju ta’ cirka tlettax (13)-il filata ta’ cirka 3.5 metri, li f’xi zmien bejn Lulju u Settembru 1999, il-konvenut ghollieh b’4.97 metri kwadri, sabiex illum ghandu gholi ta’ 8.4 metri kif irrizulta mill-access li nzamm mill-Qorti fuq il-post, kif ukoll mill-pjanti esebiti mill-atturi redatti mill-Perit John Spiteri.

Illi rrizulta wkoll li l-atturi kellhom u ghad ghandhom fil-pjan terren (*first floor)* bieb li jaghti ghall-bitha bejn il-proprjeta tal-atturi u l-istess hajt divizorju, u wkoll tieqa, mentri fl-ewwel sular (*second floor)* hemm tieqa li tinfetah ghal barra kif jinsab indikat fir-ritratt esebit bhala Dok. “B” a fol. 8 tal-process, u bieb tal-gallerija, (li jinfetah ukoll) li kienu jharsu kemm fuq l-istess bitha

taghhom u wkoll fuq il-proprjeta' tal-konvenut, kif jidher sew mill-istess ritratt appena indikat, mentri llum huma ostakolati bil-hajt imtella' mill-konvenut indikat fil-pjanti esebiti, nkluzi tal-periti rispettivi tal-partijiet, kif ukoll mir-ritratti Dok. "M" u Dok. "N" esebiti mill-konvenut a fol. 76 u 77 tal-process, li permezz tieghu jidher li kull prospett mill-istess aperturi gie ristrett bl-istess hajt gholi, apparti wkoll li d-dawl li kien jghaddi mill-istess aperturi fl-ewwel sular *(second floor)* gie drastikament minimizzat, kif l-istess Qorti setghet ukoll tikkonstata mill-access minnha mizmum, u kif fil-fatt sostnew l-atturi. Jinghad ukoll li l-istess effett ta' tnaqqis drastiku ta' dawl inhass ukoll fil-pjan terren (*first floor)* fejn huwa ovvju li minhabba l-gholi tal-istess hajt mibni fuq dak ezistenti mill-konvenut, l-istess dawl gie drastikament imnaqqas anke f'dan il-pjan tal-fond tal-atturi, fejn proprju instemghet ix-xhieda tal-Perit Raymond Zammit.

Illi fil-kawza **"Edward Neame vs Louis Tabone"** (A.C. 4 ta' Mejju 1988) inghad is-segwenti:-

*"Is-servitu` kontinwu u apparenti, bhal fil-kaz ta' apertura, skond l-artikolu* ***457 tal-Kodici Civili (Kap 16****) jitnissel (a) bis-sahha ta' titolu (b) bil-preskrizzjoni u (c) bid-destinazzjoni ta' missier tal-familja"*.

Illi abbazi tal-provi prodotti jirrizulta li l-atturi jgawdu dritt ta’ servitu` fuq il-proprjeta’ tal-konvenut, stante li l-fond taghhom ilu mibni iktar sew minn tlettin (30) sena, tant li l-istess fond inbena miz-ziju tal-attur fuq art mixtrija minnu fl-1952, u l-atturi ilhom joqghodu fl-istess post minn 1961 minn meta zzewgu l-ewwel bhala inkiwilini tal-istess post, u minn 1980 bhala proprjetarji tal-istess post, u l-fond hlief ghal tieqa li giet imcekkna, baqa’ fl-istess stat kif fil-fatt huwa illum.

Illi fis-sentenza **“Nazju Bonello vs Albert Darmanin”** (P.A. (F) 25 ta’ Settembru 1989) inghad anke b’riferenza ghall-**artikoli 455 u 457 tal-Kap 16** li :-

*“Apparenti sono quelle servitu` al cui servizio vengono destinate opere visibili e permanenti; ad esempio le servitu` di prospetto, di luce, di acquedotto. La caratteristica e data dell’esistenza concreta di opere destinate all’essercizio della servitu`; occore il momumentum (l’opus manu factum) dicono i pratici, e non basta il-documentum, da cui si possono dedurre gli elementi della servitu”.*

Illi kwantu ghad-distinzjoni bejn servitu` ta’ prospett u servitu` *ad lumen* huma diversi s-sentenzi li dahlu fl-

istess fosthom **"Maria Stilon Depiro vs Vincenza Axisa"** (P.A. (E.M.) 24 ta' Jannar 1958 – XLII.c.ii.872) fejn gie ritenut li:-

*"Difetti, kif josserva Pacifici Manzoni, 'per prospetto, preso in termine in senso generale, s'intende un'apertura o finestra, senza o con invetriate mobile, mediante la qaule l'aria puo' pentrare nell'ambiente a cui serve e una persuna puo' affaciarsi e guardare nei sottoposti luoghi'. (Istituzioni Vol.III. para. 112). Dan ukoll huwa l-insenjament ta' Ricci (Diritto Civile, Vol.II, para. 355). Mbghad din is-servitu` tista' tassumi sinfikat aktar ristrett, jigifieri, fil-kliem ta' Lomonaco, 'soltanto quell'apertura da cui si ha una veduta diretta sul fondo vicino' (Diritto Civile Italiano, pag.289)".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-aperturi fil-fond tal-atturi fl-ewwel sular *(second floor)* jharsu mhux biss ghal fuq il-bitha proprja, izda wkoll fuq il-gardina tal-fond tal-konvenut, u fil-fatt l-istess tieqa u bieb tal-gallerija huma ta' qisien normali, jinfethu ghal barra, u jaghtu, mhux bl-istess mod, ghall-fond tal-konvenut, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, certament li jgawdu dritt ta' prospett fuq il-proprjeta' li fuqha jharsu jew ahjar wara l-bini fl-gholi presenti tal-hajt divizorju, li kienu jharsu fuqu.

Illi madanakollu l-istess aperturi jservu wkoll sabiex jaghti d-dawl ghall-istess ambjenti li fihom hemm l-istess aperturi, b'mod ukoll li jista' jinghad li l-hajt li ttella' mill-konvenut jostakola mhux biss id-dritt ta' prospett tal-atturi fuq il-proprjeta' *altrui*, izda wkoll id-dritt tal-istess ambjenti attrici li jiehdu d-dawl sufficjenti ghall-okkupazzjoni tal-istess ambjenti, tant li kif gie kkonstatat mill-istess Qorti fl-access minnha mizmum, bit-tlugh tal-istess hajt mill-konvenut ghal gholi presenti, d-dawl fl-istess ambjenti muniti bl-imsemmija aperturi fl-ewwel sular (*second floor)* huwa ferm ristrett b'kawza tal-kostruzzjoni ta' quddiemhom; l-istess jista' jinghad ukoll ghall-aperturi fil-pjan terren (*first floor)* li ghalkemm ma jgawdux servitu` ta' prospett, igawdu servitu` *ad lumen*.

Illi fil-fatt jista' jinghad li l-istess kmamar fil-pjan terren huma llum kawza tal-istess gholi tal-hajt divizzorju mill-konvenut, verament mudlama, u bil-fors wiehed irid juza d-dawl artificjali w elettriku sabiex idawwal l-istess kmamar u jirrendihom abitabli.

Illi stabbilit dan l-istat ta' fatt huwa principju generali f'materja ta' servitu` enuncjat ukoll fl-**artikolu 474 tal-Kap 16** li *"is-sid tal-fond servjenti ma jista' jaghmel*

*xejn fil-fond li jista' jnaqqas l-uzu tas-servitu` jew li jaghmel dan li l-uzu jkun ta' xkiel akbar …".*

Illi min-naha tieghu l-konvenut ma gab ebda prova sabiex jikkontrasta dawn il-fatti esposti mill-atturi, u l-unika prova li ttenta jressaq kienet tirrigwarda l-allegat kunsens tal-atturi ghal bini ghola tal-istess hajt, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma rnexxilux jaghmel, stante li fl-ewwel lok il-provi tal-istess konvenut huma kontradetti mill-atturi nnifishom, u fi kwalunkwe kaz mix-xhieda prodotta mill-istess konvenut minn imkien ma wiehed jista' jghid li l-atturi taw il-kunsens taghhom ghall-bini tal-istess hajt fl-istat tieghu attwali, u certament li ma jirrizultax li l-atturi b'xi mod irrinunzjaw ghad-dritt ta' servitu` li l-proprjeta' taghhom tgawdi fuq il-proprjeta' tal-konvenut, ghaliex fl-ebda mument ma gie ppruvat li kien hemm rinunzja espressa da parte tal-istess atturi ghall-indikat servitu`. **"Gio Maria Cauchi vs Giorgio Muscat"** (13 ta' Dicembru 1995 – XXXIX,ii,789; XVI.i.90).

Illi anzi fl-opinjoni ta' din il-Qorti rrizulta li l-istess atturi kienu mill-ewwel opposti ghaz-zieda fl-gholi tal-istess hajt da parte tal-konvenut, u dan kien jidher car mill-bidu nett tal-kostruzzjoni tal-istess stante li fil-fatt il-konvenut, ghalkemm tramite il-perit tieghu, xtaq li

jwaqqa' l-hajt ezistenti u jerga' jibnieh mill-gdid, proprju minhabba dan id-dizgwid mal-atturi, ghamel qoxra ohra sat-tul tal-hajt li kien jezisti u kien wara biss li lahaq tali gholi li beda jibni fuq l-istess hajt. Dan apparti li x-xoghol kollu sar min-naha tal-konvenut.

Il-fatt li l-atturi kienu prudenti u fizikament ma ghamlu l-ebda xenati u lanqas ostakolaw fizikament lill-konvenut mill-bini tal-istess hajt ma jfissirx li huma accettaw dak li ghamel il-konvenut, stante li biex ikun hemm accettazzjoni ta' dan it-tip, li timporta wkoll rinunzja tad-drittijiet taghhom, din trid tkun cara, specifika, u espressa, apparti l-formalitajiet rikjesti mill-ligi, u f'dan il-kaz, din il-prova necessarja sabiex tirnexxi t-tezi tal-konvenut hija ghal kollox mankanti.

Illi fil-fatt fuq dan il-punt ta' allegata rinunzja fis-sentenza **"Herman Farrugia et vs Fred Gallichen"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1994 inghad li:-

*"Il-prova tar-rinunzja trid tkun univoka u certa w in kwantu kull dubbju ghanu jimmilita favur l-ezistenza u l-uzu kontinwat tad-dritt ta' servitu`. Hu biss din il-kwalita' ta' prova li tista' adegwatament tissodisfa d-dispost tal-**artikolu 481** tal-Kodici Civili li jipprevedi l-*

*estinzjoni ta' dritt ta' servitu` bin-nuqqas ta' ezercizzju tieghu ghall-perjodu ta' tlettin sena"*

Illi fil-fatt il-prova li din il-Qorti hija konvinta li saret, hija proprju dik li turi li kull kostruzzjoni li saret fil-hajt divizzjorju *de quo* mill-konvenut, saret nonostante l-opposizjoni tal-istess atturi, liema opposizzjoni kkulminat ruhha fil-proceduri odjerni.

Illi wkoll il-fatt li l-konvenut sostna li tali hajt sar bil-permess tal-istess Awtorita' tal-Ippjanar fil-kawza presenti ma jfisser xejn, stante li tali permess qatt ma irregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet presenti u l-proprjetajiet rispettivi u lanqas ghandu kompetenza sabiex jirregola l-istess, u fi kwalunkwe kaz, kif jirrizulta mill-istess permess, u kif huwa *standard* fil-hrug tal-permessi mill-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar, dan hareg bil-kundizzjoni li l-istess huwa suggett ghad-drittijiet ta' terzi persuni, u fi kwalunkwe kaz huwa *"res inter alios acta"* fir-rigward tal-atturi, li certament ma jista' qatt jippregudika d-drittijiet tal-istess ("**Bugeja et vs Washington et"** – XV.571; "**Alexander Eminyan vs John Mousu' proprio et nomine**" – A.C. 28 ta' Frar 1997).

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex jirriprestina l-istess hajt fl-istat originali tieghu, b'dan li ghandhom jitnehhew minnu ic-cirka tmintax-il filati (18) jew l-4.97 metri li huwa bena fuq il-hajt divizorju li kien ezistenti bejn l-istess proprjetajiet, b'mod li l-istess hajt jigi riprestinat ghal gholi originali tieghu ta' tlettax (13) il-filata.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut ma kellu ebda jedd li jgholli l-hajt divizorju li jaqsam iz-zewg proprjetajiet.

(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jirriprestina l-hajt divizorju ghal gholi li kien qabel ma saru x-xoghlijiet u cjoe' ghall-gholi ta' cirka tlettax (13)-il filata kif jinsab indikat fil-pjanta tal-Perit John Spiteri, u dan ix-xoghol ghandu jsir taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, u ghas-spejjez tal-istess konvenut;

(3) Fin-nuqqas li l-konvenut jesegwixxi l-istess xoghol fuq indikat fit-terminu fuq lilu perentorjament moghti, tawtorizza lill-atturi sabiex ghas-spejjez tal-konvenut jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha li huma mehtiega sabiex il-hajt divizorju jerga' jitqieghed fl-gholi li kien qabel ma saru x-xogholijiet mill-konvenut kif fuq indikat u dan taht is-sorveljanza tal-istess perit arkitett Valerio Schembri li qed jigi nnominat mill-Qorti ghal dan l-iskop, u wkoll a spejjez tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-10 ta' Settembru 1999 u tat-13 ta' Ottubru 1999 u tal-istess perit tekniku a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**3 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Ottubru, 2001**